# HREJJEF LHUDIN

## IX-XMARA TAL-GURDAN

L-ewwel art li ħalaq Alla kienet l-Art Imqaddsa, dik li wara n-nies laqqmuħa Kangħân, u wara wkoll il-Palestina. Fiha kien hemm wetgħa kbira, u fil-wetgħa tliet widjien, dejjem għaddej minnhom l-ilma.

Darba waħda għamlet xita kbîra u t-tliet widjien fâru, u l-ilma tagħhom iltaqa' u tħallat ma xulxîn. Għal hekk bdew jiġġieldu għax kull wieħed qal li dik l-art kienet tiegħu. Ix-xita ħdiet imma l-ilma tal-widjien baqa' mistâgħdar, għax ebda wied millwidjien ma ried jitlaq, u hekk saret il-għadira tal-Hule.

L-ilma qiegħed beda jrabbi n-nemûs; in-nemûs beda jigdem in-nies u jmarradhom bid-deni. In-nies telqu minn hemm ħtija tal-mard, u telqu l-bhejjem ukoll. U dik il-wetgħa li qabel kienet għammiela u mfawwra bil-ġîd, issa sâret baħħ u xorija.

It-tliet widjien baqgħu jitlewwmu u ħadd minnhom ma ried jitlaq. Alla, minn ġewwa s-sema semagħhom jiġġieldu, u meta ra li ma setgħux jiftiehmu, niżel hu jagħmel ħaqq bejniethom, u qagħad bil-qegħda fuq għolja li għal hekk sal-lum jgħidulha Tell il-Qâdi, bil-Għarbi; u bil-Lhudi jgħidulha Dân (li bil-lingwa l-waħda u l-oħra tfisser *Imħallef*). U Alla qal lill-ilma tat-tliet widjien: "Issa, għiduli għaliex qegħdin titlewmu!" Il-widjien bdew jgħajtu t-tlieta f'daqqa u Alla ma satax jifhem ħâġa ħlief li kull wieħed ried dik il-wetgħa għalih waħdu, u ħadd minnhom ma ried jitlaq minnha. Alla telagħlu u għajjat: "Itilqûli minn hawn it-tlieta!" U mal-kelma t'Alla theżżet l-art, u nfetaħ ħarq kbir u l-ilma tat-tliet widjien telaq jiġri fih u baqa' jiġri u jdur sa kemm wasal is-Sibt u waqaf fil-Baħar ta' Tabarija. U l-għada raġa' beda jiġri u baqa' jiġri sa ma wasal u ntilef fil-Baħar il-Mejjet. Għal hekk jgħidulu Jor-Dan, jiġifieri x-xmara tal-Imħallef, u għal hekk l-ilma tiegħu jintilef fil-Baħar Mejjet, qsâs minn Alla, talli l-widjien ma ftehmux.

## L-IMSIEBAH IL-LEJL

Il-Palestina, in-naħa tax-Xmiel, hemm belt jisimha Safad, li fiha fi żmien it-Torok kienu jgħammru għadd kbir ta' Lhûd. Billi dawn il-Lhûd kienu kollha ħaddiema, lil uliedhom kienu jeħduhom jaħdmu bi nhar, u jibgħatuhom l-iskôla, jitgħallmu fil-għaxija, meta jidlam, wara li jiġu mix-xogħol.

Darba waħda laħaq Bâxa, jiġifieri *Sindku* ta' Safad wieħed Tork qalbu ħażina, li kien jobgħod wisq lil-Lhûd; għal hekk, biex ħadd minnhom ma jitgħallem skôla, amar lil Lhûd ma jixegħlux wara li jidlam. U għal dan it-tfal ma setgħux imorru aktar jitgħallmu l-iskola.

Imma mbagħad ħasbuha. It-tfal kollha wara li dalam, niżlu ġewwa l-wied u daħlu fis-sqaqien tal-egħlieqi, jiġbru l-imsiebaħ il-lejl, li qrib Safad jagħmel minnhom bil-kotra. Ħadu magħhom qara' bagħli niexef u mlewħ bl-imsiebaħ il-lejl. Marru l-iskola u telqu hemm l-imsiebaħ il-lejl; li qabdu mal-ħitan u mas-saqaf u ma kull imkien. Għamlu ħafna

dawl u bih it-tfal setgħu jaqraw il-kotba tagħhom u jitgħallmu t-Torà.

Tal-għassa mar għarraf lil Bâxa li l-Lhûd fl-iskola kellhom id-dawl. Il-Bâxa għajjat lil qawwâsa, rikeb iż-żiemel u mar magħhom biex jaqbad il-Lhûd talli ma semgħux minnu. Daħal l-iskola u ra dawk l-imsiebaħ il-lejl, bl-eluf, u minnhom ħiereġ dawl abjad-ħadrâni.

Meta ra x'kienet il-ħâġa, il-Bâxa saqsa lil wieħed mit-tfal kif kien ġie f'rashom jagħmlu dan. "Mit-Torà!" wieġeb it-tifel. "Aħna hawn nitgħallmu t-Torà; u t-Torà hija dawl li b'xejn ma jintefa. Min jitgħallimha, tagħtih id-dawl fuq kollox, u f'kollox ikun jaf x'għandu jagħmel!"

"La darba hu hekk," wieġeb il-Bâxa, "mil-lum 'il quddiem ixegħlu dawl kemm tridu. Lit-Torà tagħkom ma nagħlibhiex."

## IL-KELMA TAL-BAĦAR

Ġaffa tinsab fil-Palestina u hija waħda mill-eqdem bliet tad-dinja. Jingħad mill-antik, li l-ġid kollu li jegħreq fil-baħar, il-mewġ itellgħu fix-xatt ta' Ġaffa, bħala għotja lin-nies it-tajba; imma nies il-ħżiena ma jkollhomx sehem fih.

Darba waħda wieħed Lhudi xiħ u twajjeb kellu ħtieġa ta' kemxa flus, ta' malajr. Għal hekk mar għand mara għanja li kienet toqgħod Ġaffa, ħada l-baħar, u talabha tisilfu l-flus.

"X'għandek jagħmel tajjeb għalik?" saqsietu l-mara. Hu ħares ma dwaru u ma rax għajr il-baħar. Għal hekk weġibha: "Aħna qegħdin f'xatt il-baħar. Jagħmel tajjeb għalija l-baħar!" U fuq dil-kelma l-mara tagħtu l-flus li kien talabha. U ftehmu li kellu jarġa' jroddilha l-flus hemm, ħada l-baħar.

Meta wasal iż-żmien biex iroddilha flusha, kien marid b'ħajta deni, u ma satax imur Ġaffa. Wara xi jumejn għaddielu u mar ħada l-baħar jistennieha, imma hi ma ġietx. Saqsa għalieha, sab fejn kienet toqgħod, ħabbtilha l-bieb u fetħitlu. "Ġejt inroddlok flusek," qalilha; "agħdirni għax twaħħart ftit. Ma kontx niflaħ, għax kieku ġejt fil-waqt."

"Jien flusi ħadthom," weġbitu l-mara. "Ma tiftakarx li kien għamel tajjeb għalik il-baħar? Il-flus li sliftek raddhomli l-baħar."

"Imma kif raddhomlok il-baħar?" saqsieha.

"Fil-jum u l-ħin li ftehmna ħriġt barra u qgħad ix-xatt nistenniek, u meta rajt li int ma ġejtx, kont sa' narġa' lejn dari. F'daqqa tiġi mewġa u tixħetli fejn riġlejja kaxxa magħluqa. Irfajtha u ftaħtha, u nsib ġewwa fiha għadd ta' biċċiet tad-deheb u l-fidda. Jiena minnhom ħadt kemm tajtek u l-imgħax. Stenna ftit ħalli nidħol inġiblek il-bqija!"

---

### QAWL TAL-PALESTINA

*Arâk mitl ma tarâni.* Jien narak, kif inti tara lili. Jekk int iżżommni b'għadu, hekk ukoll inżommok jien; jekk iżżommni ta' ħabib, ta' ħabib inżommok. Dal-qawl sabih imma m'hux dejjem minnu, għax hawn ħafna nies li juru ħaġa b'oħra.